Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 218/2015

Il-Pulizja

Spettur Raymond Aquilina

Vs

Omissis

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Omissis detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 545779M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fix-xhur ta' qabel din id-data, gewwa 342C, Bellini House Triq Fleur de Lys, Birkirkara u f'postijiet ohra f'Malta, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(i) b'ghemil zieni kkorrompa lit-tifla tieghu Omissis liema reat sar bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx it-tnax (12) –il sena, b'qerq, minn axxendent u mid-demm, kif ukoll meta l-istess minuri giet fdata lilu mqar ghal xi zmien sabiex jiehu hsiebha, jindukraha jew izommha u dan ir-reat sar kontra membri domestici;

(ii) fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, eccita, ghin jew iffacilita l-

korruzzjoni tal-imsemmija minuri ta' taht l-eta' u dan ir-reat sar kontra membru domestiku;

(iii) fl-istess zminijiet u cirkostanzi, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta' cioe mal-imsemmija minuri u dan sar kontra membru domestiku.

Illi l-Qorti giet mitluba sabiex tinhareg ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-imputat jigi projbit milli javvicina lill-imsemmija minuri u r-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

Illi l-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-minuri u tal-familja taghha ai termini tal-Artikolu 382 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-24 ta' April, 2015, fejn il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjonijiet.

Sabiex tigi protetta l-identita' tal-minuri l-Qorti ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri u tal-familjari taghha, kif ukoll dawk ta' isem l-imputat u l-familjari tieghu fi kwalunkwe mezz ta' komunikazjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-11 ta' Mejju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti **thassar** u **tirrevoka** s-sentenza appellata u minflok, in vista tal-konsiderazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq tghaddi sabiex tiddisponi minn dan il-kaz skont il-Ligi u fl-ahjar interess tal-gustizzja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-esponent Avukat Generali rcieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-atti tal-procedura fl-ismijiet premessi u hassu manifestament aggravat bihom u dan ghar-raguni illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet interpretazzjoni u apprezzament zbaljat tal-provi li konsegwentement wassal ghall-liberazzjoni tal-imputat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

## I. <u>L-Ewwel Aggravju: il-kwistjoni tar-rapport u tax-xhieda tal-psikologa Dr. Roberta Attard.</u>

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti warrbet ghal kollox ir-rapport[1] li sar mill-psikologa Dr. Roberta Attard u ddikjaratu bhala prova inammissibbli ghar-raguni illi l-imsemmi rapport huwa rizultat ta' ezami ex parte li sar mill-imsemmija psikologa fuq il-minuri. Fl-umli fehma tal-esponent, l-ewwel Qorti ma kinitx korretta fid-decizjoni taghha illi tiskarta in toto l-imsemmi rapport ghaliex minkejja li huwa minnu illi dan huwa rapport mhejji minn espert ex parte u li ghalhekk ir-rapport ma giex imhejji ai termini tal-Artikolu 650(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta[2], huwa minnu wkoll madanakollu li r-rapport huwa mqassam f'diversi sezzjonijiet kif sejjer jigi spjegat u li ghaldaqstant, ma fihx biss ir-rizultanzi tal-psikologa fuq il-kundizzjoni tal-minuri. Hekk per ezempju a fol. 38 et seq. tal-atti processwali u senjatament a fol. 5 tal-imsemmi rapport, il-psikologa tiddeskrivi x'qaltilha t-tifla dwar l-allegat abbuz li kien qieghed isir fuqha da parte ta' Omissis, iz-ziju tat-tifla, u dwar 'l-affarijiet pastazi' li kien jara l-appellat missierha Omissis:

Psikologa: Omissis hemm xi hadd illi forsi ftakart fih u trid tpoggih ukoll.

[1] A fol. 34-42 tal-atti processwali

[2] Fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali, għandha tiġi ordnata perizja.

Omissis: Le, lil Omissis mhux se npoggih ta....

Psikologa: Inti tpoggi fl-istampa lil min tixtieq inti biss.

**Ftit sekondi ta' silenzju.**[3]

Omissis: Omissis jgerrini biex jaghmilli xi haga hazina. Bis-sahha ta' jgerrini.

Psikologa: Omissis tixtieq tghidli min hu Omissis?

Omissis: Dak huwa hu l-papa...taf illi jsawwatni ukoll..bis-serjeta' qed nghidlek.

.../...

Omissis: Heq..nkun qed nghidlu biex jieqaf imma hu jkompli..idejjaqni meta jaghmel xi haga hazina..niddejaq..nghidlu biex jieqaf. Imissni**...(it-tifla thares 'l isfel u titbissem bil-mistija)**[4]..imma din xi haga pastaza.

**It-tifla taqbad wahda mill-pupi (Barbie) li hemm fuq il-mejda quddiemha u tipponta b'subghajha lejn il-parti private tal-pupa. Imbaghad thares lejja u tieqaf.**[5]

..../...

Omissis: Le..grat ta' vera. Tal-papa' vera wkoll ta.

Psikologa: Sorry mhux qed nifmhek tista' tghidli x'inhu vera tal-papa'?

Omissis: Ghax meta dhalt fil-kamra fuq it-television rajt nanna u boy u n-nanna kienet qed tilghaqlu l-mostru **(Hawnhekk titbissem u tghatti wiccha)**[6]. Nisthi..pastaza.

.../...

---

[3] Emfasi tal-esponent.
[4] Emfasi tal-esponent
[5] Emfasi tal-esponent
[6] Emfasi tal-esponent

Psikologa: Ghalfejn ghidtli illi jismu l-mostru u mhux d-duda bhal qabel? X'ghandhom differenti minn xulxin?

Omissis: **(Titbissem u tghatti halqha)**[7] Ghax qalli l-papa'..mostru.

.../...

Psikologa: Tiftakar jekk rajtx xi haga ohra bhal dan?

Omissis: Ritratti...hafna boobes barra..tal-papa'..kulur peach kienu...kulur tal-gilda. Ghajjejt...nista' npingilek stampa ta' ziemel issa?

Illi kwindi hekk kif jidher mill-estratt sopra citat, dan ir-rapport huwa wkoll ibbazat fuq serje ta' kostatazzjonijiet u osservazzjonijiet illi ghamlet il-psikologa waqt li t-tifla kienet qeda titkellem maghha u fih ukoll rapport tal-fatti hekk kif irrakontati mill-minuri nnifisha. Ghalhekk, fid-dawl ta' dan, l-esponent kien jistenna li l-ewwel Onorabbli Qorti tiddikjara r-rapport bhala ammissibbli limitatament ghal dak illi jirrigwarda l-kostatazzjonijiet maghmula mill-psikologa daqslikieku din ix-xhieda hija tatha fil-vesti ta' xhud ordinarju minflok skartat ghal kollox din il-prova.

Illi l-esponent qieghed jishaq fuq l-importanza tax-xhieda ta' Dr. Roberta Attard fid-dawl tal-fatti illi x-xhieda taghha tikkorabora t-tezi tal-Prosekuzzjoni li t-tifla effettivament kienet kemm abbuzata sesswalment miz-ziju taghha kif ukoll affetwata psikologikament mill-pornografija illi kien jesponieha ghalieha l-appellat missierha.

## II. It-Tieni Aggravju: l-offiza ta' istigazzjoni ta' korruzzjoni ta' tfal ta' taht l-eta'- l-Artikolu 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti dahlet fil-profond fuq l-ispirtu tal-Artikolu 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fuq l-iskop tal-legislatur fl-introduzzjoni ta' reat illi

[7] Emfasi tal-esponent

kellu jkopri dik it-tip ta' korruzzjoni illi ma ssirx permezz ta' kuntatt fiziku u fejn l-intenzjoni tal-aggressur ma tkunx dik li jissodisfa l-impulsi libidinuzi tieghu, anzi lanqas hemm bzonn illi jigi ppruvat l-element ta' dolo[8] sabiex tinstab htija. Hekk per ezempju nsibu f'dawk il-kazijiet ta' fejn il-minuri jigi espost ripetutament ghall-materjal pornografiku jew ghall-attivitajiet sesswali.

Illi hawnhekk il-legislatur dahal fl-ambitu ta' abbuz illi jsir fuq il-minuri permezz ta' mezzi illi jimminaw l-innocenza tat-tfal billi jeccitaw, jghinu jew jiffacilitaw il-korruzzjoni taghhom u dan indipendentement mill-intenzjoni ta' min jadopera dawn il-mezzi. Sabiex tirrizulta l-offiza kkontemplata fl-Artikolu 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jehtieg illi jigi ppruvat illi l-mezzi uzati fuq il-minuri kienu tali illi hallew impatt fuq il-minuri tant illi eccitaw u instigaw l-istinti u l-impulsi sesswali ta' minuri f'eta' li mhux normali illi jiguh dawk l-istinti.[9]

Illi f'dan ir-rigward, l-esponent jemmen illi l-fattispecie tal-kaz in dizamina jirriflettu perfettament is-sitwazzjoni illi jikkontempla l-Artikolu 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ma jistax jifhem kif l-ewwel Onorabbli Qorti wasslet ghall-konkluzjoni illi l-komportament tal-appellat ma seta' qatt jinkwadra ruhhu fid-dispozizzjonijiet tal-imsemmi artikolu. Mill-atti processwali jirrizulta illi l-minuri kienet esposta diversi drabi ghall-materjal pornografiku u dan mhux dejjem sar b'mod accidentali kif sostniet l-ewwel Onorabbli Qorti jew li kienet okkazjoni ta' darba biss. Importanti f'dan ir-rigward hija x-xhieda ta' Father Calleja fejn jghid illi kien l-appellat stess illi kien stqarr mieghu illi kien gieli ra xi pornografija quddiem it-tifla u li ma jara xejn hazin b'daqshekk.[10] Mix-xhieda tat-tifla stess jirrizulta illi kien hemm tal-inqas erba' episodji ta' fejn hi giet esposta ghall-pornografija. It-tifla tixhed[11] illi l-appellat kien qieghed jara dvd ma' huh Omissis fil-kamra tas-sodda ta' Omissis u li hija kienet diga' prezenti fil-kamra meta nxteghlet il-pornografija.[12]

---

[8] Mid-dibattitu parlamentari li sar fl-isfond tal-introduzzjoni tar-reat in dizamina, ma jirrizultax illi jehtieg l-element tad-dolo sabiex tinstab htija hekk kif jidher a fol. 13 tas-sentenza.
[9] Il-Pulizija vs. Carmelo Sant (Qorti tal-Appell Kriminali deciza: 12.2.2009, l-Imhallef J. Galea)
[10] A fol. 396 tal-atti processwali
[11] A fol. 67 tal-atti processwali
[12] A fol. 72 tal-atti processwali

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti qieset illi dan kien incident ta' darba biss u li ma setax halla effett fuq il-minuri izda l-ewwel Onorabbli Qorti donnha ssorvolat l-effett illi jidher illi dan l-episodju halla fuq il-minuri: il-minuri tirrakkonta illi missierha u zijuha kienu qedin jaraw dvd fejn kien hemm tifel qisu kelb li kellu qisu xi 14 jew 15 –il sena u kien qieghed jilghaq il-parti genitali ta' mara li hi ddeskriviet bhala 'nanna'[13]. B'rabta ma' dan l-incident, omm il-minuri tixhed kif fost l-komportament inkwetanti li kienet innutat fit-tifla kien hemm episodju li kien inkwetaha ferm u dan kien meta darba qabdet lit-tifla bil-qalziet ta' taht imnizzel u bil-kelba tilghaqilha l-parti privata taghha. Fid-dawl ta' dan l-episodju, l-esponent jemmen illi difficilment wiehed jista' jargumenta kif l-espozizzjoni tal-minuri ghall-pornografija li kien qieghed jara missierha ma halliex effett fuqha ghax tant dan halla effett li ommha qabditha tikkopja fuq il-persuna taghha dak li rat fid-dvd.

Illi kif diga' nghad aktar 'il fuq, dan ma kienx l-uniku episodju ta' fejn il-minuri giet esposta ghall-materjal pornografiku. F'dan ir-rigward importanti x-xhieda tal-Maggur Josephine Gauci[14] fejn jirrizulta li l-minuri ssemmi kif missierha jkollu "girls bil-boobies bla hwejjeg u jmissu lil xulxin[15]" u x-xhieda ta' Dr. Roberta Attard fejn tixhed kif il-minuri semmiet maghha kif il-papa' kellu hafna ritratti ta' nisa bil-boobies id-dar u rreferiet ghal dawn ir-ritratti bhala 'tal-papa'. Jixhdu wkoll in-nanna materna Omissis u z-zija tal-minuri Omissis li wkoll jirreferu ghall-komportament ta' natura sesswali illi kienu nnutaw fit-tifla: in-nanna[16] tixhed kif osservat lill-minuri tilghab b'torch mal-parti genitali taghha u z-zija tixhed[17] kif ratha taghmel mossi 'qisha rocking' bhal persuni li jkunu qedin jaghmlu l-att sesswali. L-espozizzjoni ghall-affarijiet ta' natura sesswali tohrog ukoll mir-referenza tal-minuri ghall-organu sesswali maskili bhala l-'mostru' fejn meta giet mistoqsija minn Dr. Roberta Attard 'l ghaliex filli titkellem fuq il-genitali maskili bhala 'duda'(b'referenza ghaz-ziju Omissis) u filli tirreferi ghalih bhala l-'mostru'

[13] A fol. 71 tal-atti processwali
[14] A fol. 153 tal-atti processwali
[15] A fol. 154 tal-atti processwali
[16] A fol. 207 tal-atti processwali
[17] A fol. 215 tal-atti processwali

(b'riferenzi ghall-appellat), it-tifla tghid li missierha kien iddeskrivihulha b'dan il-mod.

Illi certament ma jistax jinghad illi dan il-komportament tal-minuri huwa wiehed normali u li hi ma kinitx influwenzata minn xi haga li rat bhalma hi appuntu l-pornografija li missierha esponieha ghaliha. Ghalhekk, fid-dawl tas-suespost, l-esponent umilment jemmen illi din l-Onorabbli Qorti ma tistax ma ssibx htija fl-appellat ghar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat,

Illi ghalkemm l-Avukat Generali iressaq essenzjalment zewg aggravvji diretti lejn il-liberatorja maghmula mill-Ewwel Qorti ghar-reati tal-korruzzjoni tal-minorenni u dik ta'l-istigazzjoni ghal korruzzjoni ta' tfal ta' taht l-eta, madanakollu imbaghad ighaddi biex jitlob it-thassir *in toto* tad-decizjoni impunjata ghalkemm aggravvju fir-rigward tal-liberatorja mill-ahhar akkuza dwar il-mohqrija tat-tfal ma hemmx.

Issa l-ewwel ilment ta'l-Avukat Generali huwa dirett lejn id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti li tiskarta bhala prova ir-rapport u ix-xhieda tal-psikologa Dr. Roberta Attard billi din kienet xhud *ex parte* tal-parte civile u il-Prosekuzzjoni. Illi meta l-Ewwel Qorti iddikjarat tali prova bhala wahda inammissibbli skont il-ligi hija strahet fuq dak dispost fl-artikolu 650(1) tal-Kap.9. billi tali xhud ma setatx taghti l-fehma taghha fil-kapacita taghha professjonali bhala psikologa jekk din ma tkunx giet innominata mill-Qorti sabiex thejji perizja fuq il-kaz. L-Avukat Generali, izda isostni illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tiskarta id-deposizzjoni tax-xhud fit-totalita taghha izda kien ammissibbli dak il-parti tar-rapport kif ukoll tax-xhieda fejn gew deskritti fatti mill-istess xhud bhal per ezempju dak li kienet stqarret maghha l-minuri u allura kienet inammissibli biss f'dik il-parti fejn hija esprimiet l-parir taghha professjonali.

Issa huwa minnu illi l-artikolu 650 tal-Kap.9, iccitat mill-Ewwel Qorti huwa deroga ghar-regola generali dwar l-ammissibilita ta' xhieda minn esperti *ex parte* li jitkellem dwaru l-artikolu 563A tal-Kapitolu 12 rez applikabbli ghad-dritt procedurali penali permezz ta'l-artikolu 520(1)(d) tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex ghalkemm fid-dritt

procedurali l-emenda introdotta bl-Att XXIV tal-1995 , l-opinjoni ta' espert *ex parte* giet reza ammissibbili u dan diment illi l-qorti tivverifika illi tali xhud ikollu il-kwalifiki mehtiega, tali regola ma sabitx applikazzjoni fil-kamp penali u dan meta l-artikolu 650 jiddisponi espressament, kif gustament irrilevat l-Ewwel Qorti, illi:

**"Fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali, għandha tiġi ordnata perizja."**

L-Avukat Generali ma jiddibattiex dan il-punt ta' dritt, izda jishaq illi f'dik il-parti tar-rapport u xhieda ta'l-espert fejn hija kienet qed taghti rendikont ta' fatti li sehhew tali prova kienet wahda ammissibbli u ma kellhiex tigi skartata.

*"Illi huwa principju ormai accettat li sakemm l-inkarigu espletat minn tali espert <u>ikun biss kwistjoni ta` kostatazzjoni ta` stat ta` fatt</u>, ir-rapport taghhom f'dak is-sens huwa ammissibbli, bhala prova valida. Huma l-opinjonijiet u l-konkluzjonijiet komparattivi taghhom li m'ghandhomx valur probatorju. Galadarba l-posizzjoni hija li rapport ta` dawn l-esperti, li jikkontjenu opinjonijiet u rizultanzi ta` xi ezamijiet minnhom mahgmula, huma nulli u bla ebda effett probabtorju, taghmel sens li Qorti, anke minn jeddha, minkejja li ma jkunx hemm oggezzjoni ghal dawn l-esperti mid-difiza, tiddecidi billi tiskarta ghal kollox tali opinjonijiet u rapporti." – Il-Pulizija vs Nazzareno Zarb u Melcior Spiteri deciza App.Inf 16/12/1998*

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa ir-rapport ta' Dr. Roberta Attard u tax-xhieda minnha moghtija. Huwa indubitat illi l-imsemmija espert ma gietx inkarigata mill-parte civile u mill-Prosekuzzjoni sabiex taghmel xi kostatazzjoni ta' fatt izda sabiex bil-hila professjonali taghha u l-metodi ta' gharfien fil-qasam tal-psikologija li fiha hija tispecjalizza, tipprova tindaga b'din il-forma ta' terapija sabiex tara jekk il-minuri, tifla zghira ta' sitt snin, kenitx issubiet xi forma ta' abbuz fil-passat vicin. Kwindi ghalkemm huwa minnu illi l-espert fir-rapport u anke fix-xhieda taghha tirrakonta dak li tghid il-minuri, madanakollu dan sar permezz ta' metodologija addotata minnha fil-qafas professjonali taghha u kwindi gjaldarba din saret mhux minn espert nominat mill-qorti jew f'xi inkjesta magisterjali, ikun ferm perikoluz illi dan ir-rapport jigi ammessa bhala prova indipendenti fl-atti. Fil-fatt l-espert matul l-intervista li taghmel lil minuri tinkoraggixxi lill-minuri tkellimha anke permezz ta'

tpingijiet, fejn f'uhud minnhom sahansitra ghenietha biex tikteb dak li kienet qed tesprimi. Kwindi din il-Qorti hija tal-istess fehma bhall-Ewwel Qorti illi tali prova ghandha titqies bhala wahda inammissibbli. Dak li kellha taghmel il-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz huwa li titlob in-nomina ta' espert specjalizzat fil-psikologija infantili sabiex tassisti lill-Qorti fis-smiegh tax-xhieda tal-minuri, li imbaghad wara ghandha tirrelata dwar il-verosmiljanza o meno ta' dak affermat mill-minuri koncernat. Dan huwa mankanti fl-atti u allura l-Ewwel Qorti ma kellhiex dak is-serhan tal-mohh permezz ta' assistenza professjonali sabiex tevalwa ix-xhieda tal-minuri.

Issa, madanakollu l-parti tar-rapport u tax-xhieda ta'l-espert li jaghmel referenza ghaliha l-Avukat Generali, ma tikkoncernax lill-appellat, izda biss lil huh Omissis li l-appell tieghu qed jigi mismugh kontestwalment ma' dan l-appell. Kwindi din il-parti tar-rapport u tax-xhieda ma titfa l-ebda dawl fuq il-kaz kontra l-appellat. Dan ghaliex ma hemmx l-icken prova illi l-appellat seta' ikkometta xi eghmil zieni fuq bintu, kif abbilment spjegat mill-ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata. Kwindi din il-Qorti ma tarax 'il ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti u dan fir-rigward ta'l-akkuza dwar il-korruzzjoni tal-minuri billi ma hemm xejn x'jindika in atti, la mix-xhieda tal-minuri, u lanqas mix-xhieda ta' Dr. Roberta Attard illi kien hemm xi tokkamenti bejn il-missier u cioe' l-appellat u bintu, konsistenti f'dak l-eghmil zieni li titkellem dwaru il-ligi f'dan ir-reat.

L-Avukat Generali imbaghad iressaq it-tieni lanjanza tieghu dwar il-liberatorja mill-offiza tal-istigazzjoni tal-korruzzoni tal-minuri u cioe' ir-reat mahsub fl-artikolu 203A tal-Kap.9. Dan ghaliex jishaq illi hemm provi in atti li jindikaw illi f'iktar minn okkazzjoni wahda il-minuri kienet esposta ghal xeni ta' pornografija fuq il-kompjuter minn missierha li kien ikun qed jara dan l-materjal indicenti. Jishaq l-Avukat Generali illi bil-fatt illi l-minuri kienet esposta ghal dan il-materjal pornografiku wassal sabiex hija bdiet tagixxi similment ghal dak li kienet qed tara f'dawn ix-xeni – fatt li jindika illi l-esposizzjoni ghal dan il-materjal kien qed ihalli l-effett fuqha mahsub fil-ligi u cioe' li jiffacilita, jeccita u ighin l-korruzzjoni taghha.

Illi l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi l-minuri setghet giet esposta anke jekk ghal ftit hin ghal materjal pornografiku, izda kienet tal-fehma illi dan sehh b'mod accidentali

u mhux volutament mill-appellat. Issa dan il-fatt jirrizulta mix-xhieda tal-minuri li tirrakkonta illi fl-okkazzjonijiet meta sehh dan, missierha jew qalilha biex tohrog mill-kamra, jew jekk din dahhlet accidentalment fil-kamra huwa keccieha 'il barra. Illi jidher illi kien hemm okkazzjoni ohra fejn l-minuri kienet qed tilghab fuq il-kompjuter meta bdiet tifttex fuq iz-zwiemel fuq l-*internet* izda ittajpjat il-kelma hazin u bdew dehlin ritratti pornografici, izda meta missierha induna b'dan immedjatament irrimedja ghal din is-sitwazzjoni. Ma hemmx prova allura, kif gustament ikkonkludiet l-Ewwel Qorti illi l-appellat b'xi azzjoni minn naha tieghu volutament ghen eccita jew iffacilita l-korruzzjoni tal-minuri

"ir-reat fl-artikolu 203A jiġi kunsmat anki bis-sempliċi "eċċitament" tal-korruzzjoni tal-minuri. Il-kelma "teċċita" fil-kuntest tal-artikolu msemmi tfisser li tistimula, tqajjem l-aptit u l-interess ta' dak li jkun f'dak li hu ta' natura sesswali u li bħala konsegwenza timbotta prekoċement lill-minuri lejn attivita' fiżika sesswali ma' ħaddieħor u għalhekk lejn il-korruzzjoni. Għalhekk, huwa ċar li għall-konsumazzjoni tar-reat taħt l-artikolu 203A il-korruzzjoni effettiva tal-minuri ma hix neċessarja iżda hu suffiċjenti kull egħmil intiż sabiex jipproduċi fil-minuri l-effetti msemmija. Inoltre, peress li l-artikolu 203A kien intiż preċiżament biex ikopri dak l-egħmil li kien ġie ritenut mhux kopert bl-artikolu 203, l-egħmil konsistenti f'diskors, qari, wiri ta' ritratti jew stampati jidħlu fil-parametri tal-mezzi li bihom jista' jiġi kunsmat ir-reat in kwistjoni.[18]"

Dan allura necessarjament jimplika illi l-awtur tar-reat irid bl-azzjonijiet tieghu ikun konxju tal-fatt illi huwa qieghed jiffacilita, ighin jew jinstiga l-korruzzjoni tal-minuri u allura l-esposizzjoni tal-minuri ghal ritratti pronografici b'mod accidentali u mhux volut certament ma jistax iwassal sabiex jissussisti r-reat, kif donnu qed jimplika l-Avukat Generali, iktar u iktar meta l-appellat minnufih zamm lill-minuri milli tkompli tara l-materjal indicenti li ghalih kienet giet esposta. Kwindi l-Qorti ma tara l-ebda mottiv 'il ghala ghandha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti.

[18] Il-Pul vs Michael Bugeja – App.Inf 13/09/2013

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad l-appell interpost mill-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur